20 ta' Ġunju, 1949

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Rokku Buhagiar

**Traffiku — Kolliżjoni — Sewqan Perikoluż — Sinjali.**

*Il-manuvra li biha min ikun isuq karrozza jaqta' l-linja tat-traffiku li jkun qiegħed fiha hija manuvra perikoluża, li timponi lil dak id-driver li jagħmel sinjali, u sinjali tempestivi, tal-manuvra li jkun sejjer jagħmel, u jassikura ruħu minn qabel li huwa jista' jagħmel dik il-manuvra bla perikolu. Jekk huwa jonqos minn dawn id-dmirijiet, huwa ħati ta' sewqan perikoluż.*

*Meta ssir kolliżjoni, id-driver għandu jwaqqaf u joqgħod fuq il-post biex isir dak li hu meħtieġ fl-interess privat tal-vittima u fl-interess publiku ta' l-identifikazzjoni tar-responsabilità u l-adempiment tal-pratika l-oħra tal-liġi.*

*Regoli ta' analoġija jimponu illi d-driver implikat ma jillargax meta jkun jaf li qegħda l-Pulizija għall-aċċertament meħtieġ, anki meta ma jkunx hemm investiment jew kolliżjoni.*

Fuq l-imputazzjoni illi fil-5 ta' Marzu 1949, għal xi nofsin-nhar u erbgħin minuta, saq motor car nru. 5146 minn Cross Road, Marsa, b'manjera perikoluża, u fuq talba kontestwali tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan, l-imsemmi Buhagiar, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-3 ta' Mejju 1949, ġie misjub ħati u kundannat għall-piena tal-multa ta' £5, u l-liċenzi tiegħu tas-sewqan ġew sospiżi għal żmien tliet xhur;

Buhagiar appella;

Din il-Qorti ta' l-Appell, wara li semgħet il-provi u l-argumenti, ikkunsidrat;

Mill-provi deher illi l-imputat kien bit-truck wieqaf fit-telgħa ta' Spencer Monument, il-Marsa, in-naħa tax-xellug, peress li kien qed jagħmel xi tiswija fit-tyre. Meta lesta, peress li ried imur l-isfel, jiġifieri fid-direzzjoni opposta, hu dar lejn il-lemin biex jipponta l-bonnet għal isfel. Kien tiela' dak il-ħin b'touring car Edwin Farrugia, u għalhekk iż-żewġ vetturi ġew perikolożament ma' xulxin f'imminenza ta' kolliżjoni;

*Omissis;*

Ma hemmx dubju illi l-imputat kien sejjer jagħmel manuvra perikoluża, għaliex kien sejjer jaqta' l-linja tat-traffiku li kien tiela' f'dik it-triq battuta, jew li, skond aspettativa raġunata, seta' kien tiela'. Fi ftit kliem, hu kien sejjer jagħmel dik il-manuvra delikata li tissejjaħ "cutting out", u li hi msemmija fir-Reg. 32 tal-Highway Code, li jgħid hekk :— "Never cut out, that is, never turn out from the near side of the road sharply, without giving ample warning and being satisfied that it is safe to do so";

Jgħid Andrew Dewar Gibb a propożitu :— "It is inconceivable that any Court would acquit a driver of negligence, who failed to give some signal before carrying out any of these manoeuvres ... .....", jiġifieri........... "drawing across to the off-side" (Trial of Motor Car Accident Cases—para. 94);

Fl-Italja, l-Onorevoli Conti kien ikkompila dekalogu, ċjoè espożizzjoni parafrażata u sintetizzata tar-regoli tal-kodiċi stradali taljan, u fosthom hemm din ir-regola :— "4. Segnalare colla mano o con gli appositi strumenti ogni variazione di direzione, anche leggiera";

Il-Professur Alfredo Jannetti Peroniallo, Kunsilier tal-Qorti tal-Kassazzjoni, fil-ktieb tiegħu "Commento alle leggi sulla tutela delle strade e sulla circolazione", ediz. ta' l-1937, jgħid :— "Il conducente di qualsiasi veicolo è tenuto a far segno con la mano o con apposito dispositivo meccanico, quando il veicolo da esso condotto debba cambiare direzione o strada";

Issa l-pont f'dina l-kawża hu jekk l-imputat tax jew le sinjal li sejjer idur, jekk tahx tempestivament, u jekk assikurax ruħu, qabel ma dar, li seta' jagħmel hekk bla perikolu. Jekk naqas minn dan l-obligu komplessiv, allura s-sewqan tiegħu kien perikoluż;

Il-pont involut hu kwistjoni ta' apprezzament;

Din il-Qorti tinklina li taċċetta t-teżi tal-Prosekuzzjoni, għal dawn ir-raġunijiet :—

1. Id-diportament ta' Farrugia u Micallef fix-xhieda tagħhom kien ferm aktar konvinċenti minn dak ta' l-imputat u tax-xhud tiegħu;

*Omissis;*

4. Irriżulta li l-imputat telaq malli nduna li Farrugia

rrapporta u li kienet *gejja* l-Pulizija. Il-liġijiet kollha tat-traffiku, meta jsir investiment jew kolliżjoni, jimponu lill-konduċent iwaqqaf *u joqgħod* fuq il-post biex isir dak li hu meħtieġ fl-interess privat tal-vittima u fl-interess publiku ta' l-identifikazzjoni tar-responsabili u l-adempiment tal-pratiki oħra tal-liġi;

Għalkemm f'dan il-każ ma kienx hemm investiment jew kolliżjoni, raġunijiet ta' analoġija jimponu illi d-driver implikat ma jillargax meta jkun jaf li ġejja l-Pulizija għall-aċċertamenti meħtieġa. Il-fatt li l-imputat, fuq ir-rapport ta' Farrugia, illarga, *fin-nuqqas ta'* spjegazzjoni u fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi l-oħra kollha tal-każ, huwa ndizju ta' valur mhux traskurabili;

Għalhekk il-kumpless ta' dawn il-provi, diretti u indizjarji, isostnu l-imputazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti *tiddeċidi*:

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Żmien għall-ħlas tal-multa xahar mil-lum.